7 ta' Novembru, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Mara — Mandat — Bżonnijiet tal-Familja — Preskrizzjoni — Interruzzjoni.**

Mary Zahra pr. et ne. *versus* Emmanuele Buhagiar

*Il-mara għandha l-mandat taċitu tar-raġel biex tixtri l-bżonnijiet tal-familja; u tobbliga lir-raġel għad-dejn li hija tagħmel fix-xiri ta' dawk il-bżonnijiet.*

*Il-mara miżżewġa wkoll, għad-dejn li tagħmel meta tixtri dawk il-bżonnijiet bħala mandatarja taċita tar-raġel, tista' tinterrompi l-preskrizzjoni bir-rikonoxximent tad-dejn.*

Fuq it-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £10 a saldu ta' prezz ta' affarijiet ta' l-ikel u ħwejjeġ, bl-ispejjeż, il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-13 ta' Settembru 1951, laqgħet it-talba bl-ispejjeż, billi l-konvenut, inseijaħ biex iwieġeb għall-

mistoqsijiet li b'nota għamlulu l-atturi, naqas u ma deherx, u għalhekk il-mistoqsijiet ittieħdu bħala mistqarra;

Il-konvenut appella b'nota, u b'ċitazzjoni talab ir-revoka ta' dik is-sentenza fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Il-Qorti semgħet il-provi, rat l-attijiet tal-kawża u semgħet l-avukati;

Mill-provi rriżulta li mart il-konvenut kienet tixtri l-ikel u l-ħwejjeġ meħtieġa għall-familja minn għand ir-raġel ta' l-attriċi Mary Zahra, il-lum mejjet, u daqqa kienet tħallas u daqqa tibqa' lura fil-ħlas, u ħalliet kont li minnu kultant kienet tiskonta xi ħaġa, fil-waqt li kompliet tixtri u tħallas ta' li tixtri. Bil-kont ta' lura l-konvenut ma kienx jaf. Iżda b'daqshekk il-konvenut mhux meħlus mill-obligu tad-dejn, għax martu kellha l-mandat taċitu biex tagħmel ix-xirja għall-bżonnijiet tal-familja u kienet tobliga lilu għad-dejn (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "Antonia Galea vs. Antonio Darmanin et.", 21 ta' Mejju 1938, u ta' l-Appell Superjuri in re "Bonnici vs. Tabone" ta' l-4 ta' Diċembru 1925—Kollez. XXX, P. I, p. 941, u XVIII—I—340). Il-mara tal-konvenut qatt ma ċaħdet id-dejn oriġinali, u xi sitt xhur ilu ħallset £11 għal dak id-dejn, u qabel kienet tistqarr ma' l-attriċi Mary Zahra li kellha tagħtiha. Għaldaqstant il-preskrizzjoni kienet dejjem interrotta, għax il-mara miżżewġa, għad-dejn li tagħmel bħala mandatarja taċita tar-raġel, tista' tinterrompi l-preskrizzjoni bir-rikonoxximent tad-dejn;

Il-mara tal-konvenut tippretendi li ħallset......... u l-kontestazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, hija fondata. U tabilħaqq......;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tipprovdi l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellant, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tilqa' t-talba ta' l-atturi limitatament għal £8. 10. 10 biss u tiċħadha għall-kumplament; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi mhux ġà maqtugħa xort'oħra kwint kontra l-appellati u l-kumplament kontra l-appellanti.

---